**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 450/2019**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs.**

**Simon Camilleri**

Illum 14 ta' Gunju 2022

Il Qorti:

Rat lill- Simon Camilleri, iben Anthony u Martina nee` Caruana, imwieled Australia nhar it- 18 ta` Frar 1984, residenti Mayflower, Triq Bugharbiel, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 262900(L)

Billi gie akkuzat talli f`dawn il-Gzejjer nhar il- 15 ta` Gunju 2019 ghal tas-saghtejn neqsin kwart ta` filghodu, gewwa Circolo Santa Katarina, Misrah Gregorio Bonici, Zejtun u/jew fill-vicinanzi :

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Dylan Abela (Art 214, 216(1)(b) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta` Malta)

2. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal- Ligijiet ta` Malta).

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta` Dylan Abela skond artikolu 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-15 ta' Settembru 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-2 ta' Marzu 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Folio 14 ta' l-atti processwali
[2] Folio 101 ta' l-atti processwali

Rat li matul is-seduta datata 22 ta' Gunju 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-22 ta' Gunju 2020.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Marzu 2022.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

[3] Folio 77 ta' l-atti processwali
[4] Folio 77 ta' l-atti processwali

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-15 ta' Gunju 2019 meta gie rraportat gewwa l-ghassa taz-Zejtun li certu Dylan Abela kmieni filghodu, ghal habta ta' saghtejn neqsin kwart ta' filghodu safa aggredit mill-imputat.

L-incident gara wara li l-vittma kien mat-tfajla tieghu gewwa kazin iz-Zejtun, gie l-imputat ghall-gharrieda u tah daqqa ta' flixkun tal-hgieg go wiccu. Waqt li l-vittma kien qed jiddenfendi lilu nnifsu, l-imputat kompla jaggredieh u hatfu minn ghonqu u beda jnizzlu mal-art sakemm ma intervjenu nies ohra u ferrquhom.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2019 xehed **PC 1478 Melvin Cutajar**[5], stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun, li spjega li fil-15 ta' Gunju 2010 ghall-habta tal-10:45hrs irrapporta l-Ghassa certu Dylan Abela fejn qal li xtaq jaghmel rapport minhabba li kien involut f'argument ma certu Simon Camilleri. L-allegat incident sehh fis-02:00hrs ta' dakinhar stess meta hu kien qieghed hdejn il-kazin maghruf bhala Tal-Lacci qed jiehu drink u waqt li kien qed jobrom sigarett kien hemm xi hadd li mar ghal gharrieda u tah daqqa ta' flixkun go wiccu u hasdu. Dak il-hin hu pprova jiddefendi lilu nnifsu billi beda jxwejjer idejh ghax il-persuna li aggredih hatfu minn ghonqu u prova jnizzlu mal-art. Kien biss meta xi nies ferrquhom li l-affari ikkalmat. Il-kwerelant kien stqarr li l-aggressur kien l-imputat Simon Camilleri li joqghod bieb ma bieb mieghu. Ix-xhud spjega li l-kwerelant kien ipprezenta certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Dr Edward

[5] Folio 15-18 ta' l-atti processwali

Zammit mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid. In kontro-ezami, ix-xhud innega li l-kwerelant kien semma li hu jew shabu gieli kienu insolentaw jew iddiehku bl-imputat.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Trevor Micallef**[6], stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun, li stqarr li fil-15 ta' Gunju 2019 gie nfurmat minn PC 1478 Melvin Cutajar li kien sar rapport minn certu Dylan Abela miz-Zejtun li ghall-habta tas-01:45hrs waqt li kien qieghed go Kazin maghruf tal-Lacci fiz-Zejtun, kien hemm persuna li waddablu flixkun u ghamillu xi griehi. Dan il-persuna identifikah li huwa l-gar tieghu u milli jidher gew fl-idejn dak il-hin u kienu ferquhom xi nies. Sussegwentement wara kien mar ic-Centru tas-Sahha u filghodu xhin ghamel ir-rapportipprezenta certifikat mediku li jindika li qed ibati minn griehi ta' natura gravi. Ix-xhud baghat ghall-persuna indikata mill-kwerelant, l-imputat Simon Camilleri, nhar il-21 ta' Lulju 2019 u wara li ghazel li ma jkellimx avukat kien ta stqarrija li fiha spjega li l-allegat vittma u xi hbieb tieghu bdew jidhqu bih, ghal-ewwel ma tax kazhom imma mbaghad bhal speci qabzitlu u tah daqqa ta' flixkun.

In kotro-ezami, ix-xhud stqarr li minn naha tieghu, ma kien tkellem ma hadd izjed dwar dan l-incident.

Fl-istess seduta xehed **il-parte civile Dylan Abela**[7] li spjega li l-incident sehh ghall-habta tas-01:30hrs waqt li kien fil-Kazin Tal-Lacci, Iz-Zejtun u kien qieghed hdejn il-bar jiehu drink mat-tfajla tieghu u xi hbieb ohrajn. Waqt li kien wiccu 'l isfel qed jobrom sigarrett, hass daqqa ta' xi haga iebsa fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. Stqarr li dak il-hin infixel u ra d-demm iqattar. F'daqqa wahda, xi hadd, li huwa gharaf bhala l-imputat Simon Camilleri, hatfu minn ghonqu u

[6] Folio 19-21 ta' l-atti processwali
[7] Folio 24-29 ta' l-atti processwali

beda jzommu. Il-parte civile spjega li l-imputat huwa l-gar tieghu u ma jafx ghalfejn aggredih. Skont il-parte civile, id-daqqa li qala' kienet bi flixkun tal-hgieg. Fuq il-post kien hemm ukoll oht l-imputat, Jessica Camilleri, li marret tara x'kien gara. Il-parte civile pprezenta ritratti tal-griehi minnu sofferti, liema ritratti gew mehuda mit-tfajla tieghu[8]. In kontro-ezami, il-parte civile ma setax jiftakar ezatt min kienu l-persuna li kien maghhom meta gie aggredit apparti minn Redmar Farrugia. Eskluda li hu jew il-persuni li kienu mieghu kienu b'xi mod iddiehku bl-imputat u dan minhabba li skont hu, ma tant kienu ilhom li waslu fil-kazin. Mistoqsi jekk kienx xorob dak il-lejl, il-parte civile qal li kien ha madwar tlett grokkijiet *whisky*.

Fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2019 xehed **it-Tabib Dr Edward Zammit[9]**, adett fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid li b'referenza ghac-certifikat mediku ezebit a fol 8, ikkonferma l-istess bil-gurament tieghu u spjega li kien klassifika il-griehi sofferti mill-parte civile Dylan Abela bhala gravi. Il-griehi kienu jikkonsistu f'nefha fuq l-ghadna tax-xellug tal-wicc u ferita miftuha fuq l-istess ghadma tax-xellug tal-wicc. Bhala trattament, il-ferita kienet tirrikjedi l-punti. Wara li saru l-punti, ix-xhud ma regax invista lill-parte civile.

Fl-istes seduta xehdet **Leontine Grech[10]**, l-gharusa tal-parte civile, li kienet mieghu gewwa l-Kazin tal-Lacci, Iz-Zejtun, meta sehh l-incident in kwistjoni. Spjegat li f'hin minnhom, il-parte civile kien qed jobrom sigarett u f'daqqa wahda rat hafna likwidu, qisu xi xorb, itir lejhom u xi hadd, li rrizulta li kien l-imputat, qabad fil-parte civile. Wara li l-imputat u l-parte civile gew inferrwin minn xi nies li kienu hemm, indunat li kien hemm xi dmija ma wicc il-parte civile. Ix-xhud spjegat it-titjir ta' likwidu kien dovut ghall-fatt li nfaqa' xi

[8] Dok DA1, Folio 30-34 ta' l-atti processwali
[9] Folio 22-23 ta' l-atti processwali
[10] Folio 35-37 ta' l-atti processwali

flixkun ma wicc il-parte civile. Ix-xhud spjegat li kien tpogga xi silg mal-ferita li kellu l-gharus taghha f'wiccu u wara marru c-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid. Hija kkonfermat li hadet ir-ritratti tal-ferita ftit tal-jiem wara. Dawn ir-ritratti qieghdin ezebiti in atti.

Fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2019 xehed **Redmar Farrugia**[11], li stqarr li huwa habib tal-parte civile u kien prezenti meta sehh l-incident gewwa l-Kazin tal-Lacci, Iz-Zejtun, ghall-habta tan-00:30hrs jew 01:00 hrs. Huwa kien qed jiehu drink meta ra lill-imputat u lill-parte civile "ghoqda" jiggieldu bl-idejn u mar biex iferraqhom biex ma tkomplix tikber l-affari. Hekk kif inqalghu minn ma xulxin, ix-xhud seta' jara li l-parte civile kellu daqqa ma ghajnejh bid-demm. Mill-banda l-ohra, meta jisma' xejn milli ntqal minhabba li kien hemm storbju mhux hazin. In kontro-ezami ix-xhud stqarr li ma kienx ilu wisq jixrob fil-Kazin minhabba li kien qed jara l-loghob tan-nar barra.

Fl-istess seduta xehdu **PC 1149 Aaron Debono**, **PC 543 Julian Grech** u **PC 640 Silvan Camilleri**[12], ilkoll stazzjonati fl-Ghassa taz-Zejtun li kienu prezenti waqt li l-imputat ta l-istqarrija tieghu wara li ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. Huma lkoll gharfu l-firem relattivi fuq l-istqarrija.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 xehed **it-Tabib Forensiku Dr Mario Scerri**[13], espert mahtur mill-Qorti. li spjega il huwa kien mahtur mill-Qorti sabiex jezamina lill-parte civile Dylan Abela. Minn tali eami irrizulta li Abela ghandu cikatrici rizultat tal-lacerazzjoni *blunt trauma* fuq in-naha tax-xellug tal-wicc u dina tidher minn *talking distance*. Gie esebit rapport mit-tabib f'dan ir-rigward.[14]

[11] Folio 48-51 ta' l-atti processwali
[12] Folio 42-47 ta' l-atti processwali
[13] Folio 59-60 ta' l-atti processwali
[14] Dok MS1, Folio 61-69 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2020 xehed **l-imputat Simon Camilleri**[15] fejn huwa spjega li lill-parte civile Dylan Abela jafu jitwieled minhabba li joqghod bieb ma' bieb mieghu u qabel l-incident mertu tal-proceduri qatt ma kellu problemi mieghu. Spjega li ghall-habta tas-sena 2015 gie mahkum minn dipressjoni li wasslitu biex jieqaf mix-xoghol u jghaddi hafna hin id-dar. F'dak iz-zmien, il-parte civile ma baqax ikellem lill-imputat ghal raguni li jaf hu. Meta l-imputat rega' beda johrog beda jara lill-parte civile fil-gallarija bil-mowbajl f'idu fuq bazi ta' kuljum. Innota ukoll li kien hemm okkazjonijiet fejn il-parte civile kien bhal qisu qed isegwih. Meta darba ingibditlu l-attenzjoni dwar dan, il-parte civile wiegeb *"mela jien qed naghmillek xi haga lilek?"*. F'dawn ic-cirkostanzi, l-imputat beda jhewden u jinkwieta li kien ser jigri xi haga lilu jew lit-tifel tieghu. Innota ukoll li kien hemm persuni ohrajn li kienu qed igibu ruhhom b'mod stramb fil-konfront tieghu. B'referenza ghall-jum tal-incident li sehh fi zmien il-festa ta' Santa Katerina, l-imputat spjega li meta t-tifel kien raqad, mar sal-pjazza u dahal il-kazin maghruf bhala Tal-Lacci u xtara birra. F'hin minnhom kien sejjer it-*toilet* u ra lill-parte civile jhares lejh u jidhak. Dak il-hin, l-imputat ikkonfronta lill-parte civile u qallu *"int ha tibqa taghmilli hekk ... ghamiltli hajti infern"*, u jidhak kien u jidhak baqa. L-imputat stqarr li f'dak il-mument ta' rabja, qabad u waddablu l-bott tal-birra li kellu f'idu. Dak il-hin ghaqdet bejniethom tant li gew imferrqa minn nies li kien hemm. B'referenza ghal dak li kien qal fl-istqarrija tieghu, l-imputat iccara li dak li kellu f'idu kien bott tal-lager tal-aluminju u mhux flixkun. L-imputat spjega li huwa jiehu diversi pilloli kuljum minhabba l-kondizzjonijiet tieghu u fil-hin tal-incident, irreagixxa b'dak il-mod minhabba li l-parte civile u shabu kienu gabuh *"hazin ghageb"*. In kontro-ezami, l-imputat ma kienx kapaci jispjega jekk meta kien jara lill-parte civile fil-gallarija, dan kienx ikun qed ipejjep – il-preokkupazzjoni tal-imputat kienet li jkun qed jehodlu r-ritratti sabiex isegwieh. Mill-banda l-ohra, stqarr li fost il-

[15] Folio 79-96 ta' l-atti processwali

postijiet li skont hu, kien isib lill-parte civile isegwieh jinkludu xi hwienet tax-xorb u xi hwienet tal-*convenience*. L-imputat kompla jghid li d-dipressjoni qabditu minhabba dan l-agir minn naha tal-parte civile, ghalkemm ikkonceda li matul l-episodji li semma, il-parte civile qatt ma qallu xejn. B'referenza ghall-incident, l-imputat ikkonferma li l-parte civile kien qieghed ma xi nies ohrajn imma hu ma kienx jaf min huma. Baqa jinsisti li l-parte civile u n-nies li kien maghhom kienu qed jidhku bih u nnega li kien hemm xi hgieg imkisser mal-art wara l-incident u spjega li fil-festa ma jistax jitqassam xorb fi fliexken tal-hgieg. Mistoqsi jekk qattx kien ghamel rapport kontra l-parte civile, l-imputat stqarr li darba kein mar l-Ghassa izda l-Ispettur qallu li jekk m'ghandux provi ma jista' jaghmel xejn.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021 xehed **it-Tabib Dr David Cefai** li huwa t-tabib tal-imputat. Huwa kkonferma li l-imputat qed jircievi kura minghand il-psikjatra Dr Anthony Zahra u qed jiehu medikazzjoni minhabba d-dipressjoni. Ix-xhud jikkonferma li l-imputat ilu jbati minn din il-kundizzjoni ghal sitt snin u aktar u jkun hemm episodju fejn minkejja l-medikazzjoni, jkun anzjuz u jista' jitlef il-pacenzja tant li jkun hemm bzonn li jinghata kalmanti addizzjonali. Ix-xhud ma eskludiex li d-dipressjoni tista' f'ceri kazi twassal ghal paranojja.

Fl-istess seduta xehed **Pierre Camilleri**, hu l-imputat. Ikkonferma ukoll li huh ilu madwar sitta jew seba snin ibati bid-dipressjoni. Ghandu amment li madwar is-sena 2019, huh kellu xi problema ma' certu Dylan. Jaf dan minhabba li l-imputat kien dejjem isemmih fis-sens li skont hu, kien "qed jaqbad mieghi u jigri warajja" ghax kien qed isegwih f'diversi postijiet u sahansitra jigbidlu l-filmati mill-gallarija. Ix-xhud induna li huh ma kienx l-istess persuna li kien qabel u li kellu bzonn l-ghajnuna. Min-naha tieghu, ix-xhud stqarr li lil Dylan Abela kien jafu ghax huwa gar taghhom izda ma kien jaf xejn izjed dwaru.

Filfatt, in kontro-ezami kkonferma li li jaf fuq Dylan Abela huwa minn dak li jghid huh u qatt ma ra xejn isehh b'ghajnejh.

Fl-istess seduta xehed **Marjohn Farrugia**, ir-ragel t'oht l-imputat u ilu jafu mis-sena 1995. Jaf li l-imputat isofri minn dipressjoni u beda jhewden hafna in konsegwenza. Jaf min xiex kien ghaddej minhabba li kien jakkompanjah ghall-appuntamenti fl-isptar, fejn kien taht il-kura ta' Dr Anthony Zahra. Jaf li l-imputat kien jhewden li certu Dylan qed isegwih – ghand tal-hanut, Paceville, mill-gallarija tad-dar, etc, ghalkemm ix-xhud qatt ma ra dawn l-affarijiet isehhu b'ghajnejh. Ma kienx allura f'pozizzjoni li jghid fic-certu jekk l-affarijiet lamentati mill-imputat kienux verament qed isiru jew le.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2021 xehed **il-Psikjatra Dr Anthony Zahra**, li kkonferma li ilu jikkura lill-imputat sa mis-sena 2014, meta kien gie riferit l-Isptar mit-Tabib tal-familja tieghu. F'dak iz-zmien l-imputat kien jabbuza mill-alkohol u l-kokaina u kien jviluppa psikozi fejn bazikament dahhal fissazzjoni f'rasu li hemm nies madwaru li jridu jaghmlulu d-deni. Ghal din il-kondizzjoni kien gie preskritt il-medikazzjoni u kien ukoll intbaghat ghal *detox*. Illum il-gurnata ghadu qed jiehu din il-medicini kontra l-psikozi kif ukoll medikazzjoni kontra l-anzjeta`. Sahansitra kien hemm bzonn li tizdied id-doza minhabba li "kien qed ikollu ftit ideat ta' referenza, f'dak is-sens li certu niex imqabbdin mieghu li jistghu b'xi mod jaghmlulu l-hsara. Dik it-tema f'hajtu baqghet prezenti". Ix-xhud spjega li jekk kemm il-darba l-imputat jiehu l-medicinali preskritti u jzomm il-boghod mis-sustanzi li kien jiehu qabel, il-pronjozi tieghu ghandha tkun tajba. Spjega ukoll li ghalkemm jaf ikun hemm predispozizzjoni genetiku ghall-psikozi, l-abbuz mill-alkohol u d-droga jikkontribwixxu hafna biex jikkagunawha. In kontro ezami, ix-xhud spjega li l-ahhar appuntament li kellu mieghu kien f'Mejju 2015 u imbaghad kien rega' rah fl-2020. In kontro-

ezami stqarr li ma jafx x'wassal lill-imputat ghall-incident in ezami, ukoll ghax fiz-zmien relevanti ma kienx qed isegwih.

Fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2021 xehdet **il-*Probation Officer* Ritianne Sultana Grech**, li pprezentat is-*Social Inquiry Report* relattiv ghall-imputat. Spjegat li mir-rizultanzi, jidher li qabel l-incident odjern, l-imputat qatt ma kellu kazijiet ta' antura vjolenti u jidher li kellu hajja stabbli bis-sostenn tal-familja, impieg u kien 'il boghol mill-vizzji, fejn il-hames testijiet ghall-sustanzi li sarulu kollha rrizultaw fin-negattiv. Il-punt ta' thassib li hemm hija l-kundizzjoni ta' dipressjoni li ilu jbati biha ghal zmien twil u aktar minn hekk il-fatt li mhux dejjem kien qed jirrikorri ghall-assistenza medika fir-rigward. Ikkonfermat imma li fl-ahhar zmien, rega' qed jiehu l-medikazzjoni preskritta lilu. Ix-xhud regghat xehdet fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 fejn ikkonfermat li minn informazzjoni li irceviet, l-imputat qed imur ukoll ghand il-Psikologa Stephanie Ciantar Cassar u sejjer tajjeb taht il-gwida taghha. Qablet li l-episodji ta' *bullying* li sofra minnhom l-imputat fil-passat seta' kellhom rwol kawzattiv ghall-problemi ta' sahha mantali li huwa afflitt minnhom illum.

Fis-seduta tat-18 ta' Jannar xehed **it-Tabib Dr Gianluca Bezzina** mis-*Substance Misuse Unit* li spjega li bejn April 2015 u Jannar 2016, l-imputat kellu problema ta' abbuz ta' alkohol u gieli ta' kokaina u kien attenda ghal *detox* mill-alkohol ghal ftit tal-jiem. Ix-xhud ipprezenta rapport dwar l-assitenza li kienet inghatat mill-*Unit* lill-imputat.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 xehed **it-Tabib Dr Antoine Ellul**. Spjega li fiz-zmien relevanti, huwa kien adett mas-*Substance Misuse Unit*. Kien invista lill-imputat darbtejn f'Mejju u Lulju 2015 fejn kienu gew preskritti ghadd ta' medicine ghall-problemi ta' anzjeta` u alkoholizmu li kien ibati minnhom.

Madankollu, jidher li kien waqaf jiehu l-medicini u kien waqaf ukoll jattendi ghall-appuntamenti.

Fl-istess seduta xehdet **il-Psikjatra Dr Maria Bezzina Xuereb**. Spjegat li bdiet tara lill-imputat sa minn Settembru 2021 u jipprezenta b'sintomi ta' dipressjoni fejn jidher li jkollu hsibijiet ta' natura paranojka u hija tal-opinjoni li qed ibati minn *delusional disorder*. Spjegat illi jekk l-imputat jiehu l-medicini preskritti, ghandu aktar cans li ma jkollux sintomi milli jekk ma jiehux il-medicini. Qablet li jekk ikun ordni ta' trattament, ikun aktar facli li l-imputat jigi segwit, specjalment fir-rigward ta' jekk hux qed jiehu l-medicini u jkun segwit minn *key worker*.

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

L-artikolu 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghidu:

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi kif gie ritenut fl-kazistika nostrana u skond il-Professur Anthony Mamo dan ir-reat issehh jekk jirrizulta mankamanet jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[16] gie ritenut

*"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din ilhsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament talgilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah ilhsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi dan il-punt huwa enfaziat mill-awtur legali Antolisei li stqarr li mankament jew l-isfregu ghandu ikun *"visible stando di fronte alla persona."* u li kien ikkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[17] fejn il-Qorti kkonfermat l-istess hsieb u stqarret li l-isfregju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista jkun anke temporanju u li din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin."*

[16] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imhallef Vincent DeGaetano; Deciza 12 ta' Settembru 1996
[17] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Deciza 15 ta' Frar 1958; Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248

Illi dan is-sentiment jinstab ukoll fil-kaz **Il-Pulizija vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**[18] fejn il-ghamlet referenza wkoll ghal awtur legali Manzini fejn gie ritenut:

*"peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto".*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi**[19] ppreseduta mill-istess Qorti gie ritenut:

*Effettivament il-ligi taghna stess taghmel distinzjoni bejn sfregju li fil-prattika jissejjah "semplici" (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u sfregju "gravi u permanenti" (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fortunato Sultana: "Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' -isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali." Issa, sfregju hija "kull hsara li tista' ssir "fir-regolarita` talwicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[20] kien ritenut:

*L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex 5 mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu*

---

[18] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 484/2011; Deciza t-23 ta' Jannar 2013

[19] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 308/2010; Deciza t-2 ta' Marzu 2011

[20] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza it-12 ta' Settembru 1996

*numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. Lappellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammontaw ghall-offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Luke Sciberras[21]** gie ritenut li:

*"Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan irreat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss flezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan ilkaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. Fi kliem iehor, fil-kodici penali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma 6 tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalesposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni*

[21] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Appell Numru 219/2016; Onor. Imhallef Giovanni Grixti; Deciza t-28 ta' Mejju 2018

*in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza citata saret referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999."*

Illi skond l-awturi **Archbold 2021**[22]

*"Grievous bodily harm" should be given its ordinary and natural meaning of really serious bodily harm, and it is undesirable to attempt any further definition of it:* ***DPP v Smith [1961] A.C. 290, HL ; Cunningham [1982] A.C. 566, HL ; Brown (A.) [1994] 1 A.C. 212, HL .*** *It is not necessary that the harm should be either permanent or dangerous: Ashman (1858) 1 F. & F. 88. Nor is it a precondition that the victim should require treatment or that the harm would have lasting consequences; in assessing whether particular harm was "grievous", account has to be taken of the effect of the harm on the particular individual:* ***Bollom [2003] EWCA Crim 2846; [2004] 2 Cr. App. R. 6*** *. Bodily harm includes psychiatric injury:* ***Ireland; Burstow [1998] A.C. 147, HL*** *; but not psychological injury:* ***Dhaliwal [2006] EWCA Crim 1139; [2006] 2 Cr. App. R. 24*** *. "*[23]

L-istess awturi jghidu wkoll:

*It was formerly accepted that "causing" was wider than "inflicting" and that where the allegation was of causing grievous bodily harm, the issue was a straightforward one of causation: did the injury result from the act of the accused? The distinction has, however, been reduced to vanishing point by the decision of the House of Lords in* ***Ireland; Burstow ,*** *above, to the effect that, whilst "causing" and "inflicting" are not exactly synonymous, grievous bodily harm could be "inflicted" without an assault and without the direct or indirect application of force to the victim's person (psychiatric injury caused by persistent harassment).*[24]

[22] Archobold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021
[23] Ibid 19-258, Folio 2293
[24] Ibid 19-260, Folio 2293-2294

**Ikkunsidrat**

**Il-ferita**

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku maghmul nhar il-15 ta' Gunju 2019 fis-2.30am ta' filghodu u mahrug mit-tabib Dr. Edward Zammit Med Reg 2889, Polyclinic ta' Paola.[25]

It-tabib icertifika l-griehi tal-vittma, Dylan Abela, bhala gravi.

Illi t-tabib ikonferma l-istess certifikat mediku viva voce meta ta x-xhieda tieghu u stqarr li l-vittma:

*"Kellu nefha fuq l-ghadma tax-xellug fil-wicc jigifieri u ferita miftuha fuq l-istess….Kelli naghmilha l-punti.*[26]

Ix-xhud seduta stante indika wkoll lill Qorti l-ghajn il-leminija fejn ghamel il-punti lill-vittma.

Illi fuq talba ta' l-Avukat Generali[27] t-tabib Dr. Mario Scerri kien gie mahtur mill-Qorti sabiex jezamina l-feriti subiti mill-parti leza, u cioe lil Dylan Abela, ai fini ta' l-imputazzjonijiet u gie akkordat lilu l-fakultajiet li jitnisslu mill-artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll gie awtorizzat sabiex jirtira mill-atti processwali esebit necessarji sabiex ikun jista jespleta l-inkarigu tieghu.[28]

Mir-rapport tat-tabib Dr. Mario Scerri gie ikkonfermat li l-vittma spicca b'cikatrici tawwalija rizultat ta' lacerazzjoni li kienet rizultat ta' *blunt trauma* fuq in-naha tax-xellug tal-wicc u tidher vizibilment mill-vicin u ghadha tidher sallum.[29]

---

[25] Folio 8 ta' l-atti processwali
[26] Folio 22 ta' l-atti processwali
[27] Folio 39 ta' l-atti processwali; Rinviju ta' l-Avukat Generali ta' l-10 ta' Ottubru 2019.
[28] Folio 40 u 41 ta' l-atti processwali
[29] Dok MS1, Folio 61-69 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[30] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Lulju 2019, u cioe ftit jiem wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Zejtun fl-ufficju ta' l-Ispettur Trevor Micallef fil-prezenza ta' PC 1149 Aaron Debono u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzjaw milli jezercita dan id-dritt.[31]

Illi fl-istqarrija ta' l-imputat, l-imputat Simon Camilleri ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu kif ukoll li wiegeb ghad-domandi li sarulu.

PC1149 Aaron Debono, PC640 Silvan Camilleri kif ukoll PC 543 Julian Grech fix-xhieda taghhom ikkonfermaw l-firem taghhom li jirrizultaw meta ttiehedet l-istqarrija ta' l-imputat u meta nghata d-dritt tal-parir legali qabel l-interrogatoru.[32]

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-vittma kien jafu u li kien hemm id-dizgwit bejniethom.  L-imputat jispjega li l-incident gara ghaliex:

*"Din ilha ftit ghadejja, mhux mieghu biss ghax qabdu mieghi wahda u sew, ghamilt zmien lanqas biss nohrog mid-dar ma bdejt.  Dan qatt ma tghajtu fastidju izda dan*

[30] Folios 9-10 ta' l-atti processwali
[31] Folio 11 ta' l-atti processwali
[32] Folio 42, 44 u 46 ta' l-atti processwali

*kompla maghhom. Dak in-nhar kont f'hanut fil-festa taz-Zejtun, gie Dylan u shabu, gew quddiemi, bdew iharsu lejja u jidhku. Issaportejtu ghal ewwel, baqa sejjer biha, qbadt flixkun u waddabtulu. Qbadna ftit f'xulxin izda firduna u hu telaq 'l hemm."*

L-imputat jaghlaq l-istqarrija billi jghid li *"Idispjacini talli waddabtlu l-flixkun u wegga hekk."*[33]

**Ikkunsidrat**

**Provi ohra li tressqu**

Mix-xhieda ta' PC1478 Melvin Cutajar u L-Ispettur Trevor Micallef gie ikkonfermat li l-imputat u l-vittma kienu girien ta' xulxin u li kien ilu ghaddej l-inkwiet bejniethom. Ix-xhieda kkonferma wkoll il-verzjoni li taghhom l-imputat u l-mottiv ghalfejn aggredixxa lil vittma.

Mix-xhieda ta' Dylan Abela irrizulta li dakinhar ta' l-incident, il-vittma kien gewwa l-kazin tal-Lacci, z-Zejtun mat-tfajla tieghu Leontine Grech f'xi xiegha u nofs ta' filghodu.

Ix-xhud jispjega li l-incident sehh meta l-imputat aggredih billli tah daqqa ta' flixkun tal-hgieg f'ghajnejh, hatfu minn ghonqu u beda jzommu. Illi x-xhud jikkorbora dan l-incident billi pprezenta sett ta' ritratti mehuda minnu u t-tfajla tieghu li juru b'mod car id-daqqa fuq wiccu u mad-dawra ta' ghajnejn.[34]

Minn dawn ir-ritratti esebiti jidher b'mod car fejn il-vittma ntlaqat, kif ukoll il-qasma taht ghajnejh fejn kellu bzonn cikatrici.[35]

In kontro ezami, x-xhud innega li hu jew shabu kienu qedin jidhku bl-imputat u stqarr ukoll li kien ikonsma xi xorb.

[33] Folio 10 ta' l-atti processwali
[34] Dok DA1 Folios 30-34 ta' l-atti processwali
[35] Vide ritratt esebit a folio 33 ta' l-atti processwali

It-tfajla tal-vittma Leontine Grech tikorrobora l-incident hekk kif deskrit mill-vittma fix-xhieda taghha.

*"Jiena filli kien hemm Dylan quddiemi, kien qed jobrom sigarret ghax jiehu tal-brim u konna ha nohorgu barra, filli f'daqqa u l-hin nara hafna ilma jew alcohol dak il-hin ma kelliex idea x'inhu gej ghall-wicci, kont bin-nuccali tal-vista dak il-hin ersaqt lura u ghollejt in-nuccali mbaghad kif qisni gejt f'tieghi nara lil Dylan rasu baxxa u xi hadd qabdu. Kif ghajnejha infethu nara min kien li qed izomm lil Dylan u f'daqqa u l-hin hargu lil kulhadd il-barra u hlief dmija fuq wicc Dylan ma rajtx."*[36]

Ix-xhud stqarret u identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien qed izomm lil Dylan Abela minn ghonqu.

Mix-xhieda ta' Rednar Farrugia irrizulta li huwa habib tal-vittma Dylan Abela u li kien presenti dakinhar tal-festa taz-Zejtun meta inqala l-incident.

Rednar Farrugia jikkonferma li l-imputat u Dylan Abela bdew jiggieldu bejniethom bl-idejn izda ma lahaqx il-kwistjoni mill-bidu li grat. Farrugia jistqarr li l-imputat laqat lil Dylan Abela f'ghajnejh u kellu d-dmija b'konsegwenza ta' hekk.

**Ikkunsidrat**

Illi ezami tal-provi prodotti m'hemm l-ebda dubbju li l-imputat hebb ghal Dylan Abela u ghamillu offiza; dak li jrid jigi determinat huwa jekk din l-offiza hija wahda li taqa' fit-termini ta' dak predispost f'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll jekk l-imputat kisirx volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Illi mill-ezami tax-xhieda u dokumenti esebiti, partikolarment ir-ritratti esebiti, ic-certifikat mediku, kif ukoll ir-rapport ta' l-espert mahtur, il-Qorti tqis li gie

[36] Folio 36 ta' l-atti processwali

ppruvat minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-offiza taqa' fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti tqis ukoll li l-imputat kien kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-agir tieghu f'dan il-incident.

Id-difiza ressqet diversi provi sabiex isostni li l-imputat ma kellux l-intenzjoni specifika sabiex jaghmel ir-reat u li dan sar minhabba provokazzjoni tal-vittma. Ghal dan il-ghan il-Qorti kellha l-opportunita tisma diversi professjonisti li taw rendikont tas-sahha mentali ta' l-imputat. Madankollu l-Qorti tqis li meta sar ir-reat, u dan wara wkoll li l-Qorti qiset il-provi kollha, inkluz l-istqarrija stess ta' l-imputat, li kien ben konsapevoli fl-agir tieghu u fl-intenzjoni ta' ghemilu. Illi minkejja dak li jsostni l-imputat, ma tressqu ebda provi u lanqas ma rrizulta minn dak li kellha quddiemha l-Qorti li dan l-agir kien frott ta' provokazzjoni mill-vittma li tiggustifika r-reazzjoni ezagerata ta' l-imputat.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz fl-intier taghha u sejra tghaddi sabiex issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontrih.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-L-imputat wera dispjacir ghall-imgieba tieghu hekk kif irrizulta fl-istqarrija tieghu:

*"Idispjacini talli waddabtlu l-flixkun u wegga hekk"*.[37]

[37] Folio 10 ta' l-atti processwali

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[38] Il-fedina penali ta' l-imputat ghalkemm mhiex netta ma fiha xejn allarmanti u ma hemmx registrati sentenzi relatati ma din it-tip ta' imputazzjoni.

- Illi gie mhejji *Social Inquiry Report* fuq talba tad-difiza minn ufficjal tal-Probation.[39] Illi skond dan ir-rapport il-vittma jistqarr li qatt ma fehem ghalfejn sar dan l-agir tieghu u li hu qatt ma ghamel xejn lill-imputat sabiex jipprovoka dan l-incident. Filwaqt li sofra griehi li hadu z-zmien taghhom sabiex ifiqu, illu il-gurnata z-zewg familji ghadhom f'kuntatt tajjeb flimkien. Mill-istess rapport irrizulta li l-imputat stqarr li hu ibati mid-dipressjoni u li matul is-smiegh tal-kawza attenda zewg sessjonijiet ma psikologa. Madankollu, l-imputat qatt ma kellu kuntatti mal-isptar Monte Carmeli.

- Fl-istess rapport jirrizult li l-imputat iddikjara li huwa qatt ma kellu vizzji tad-droga fil-passat u lanqas fil-prezent, izda gieli ghamel uzu mill-kokaina.[40] Madankollu mix-xhieda tat-tabib Gianluca Bezzina irrizulta li fil-passat *"kellu problemi serji ta' alkohol u kultant b'xi uzu tal-kokaina kultant"*.

- Illi filwaqt li jirrizulta li f'xi zminijiet f'hajtu l-imputat kellu xi problemi personali, il-Qorti tqis dan l-attakk bhala wiehed ghal kollox kapriccjuz li ma kellux ghalfejn isir u li minhabba fih bata konsegwenzi persuni ohra ghal xejn b'xejn. Fil-waqt li l-Qorti tifhem li l-imputat ghandu kundizzjoni ta' dipressjoni, xorta wahda xejn ma jiskuza ghemilu, li mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien ghal kollox konsapevoli tieghu.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by*

[38] Folio 3-4 ta' l-atti processwali
[39] Dok RSG1, Folio 151-174 ta' l-atti processwali
[40] Folio 159 ta' l-atti processwali

*deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja b'mod effettiv mhux ser ikun l-iktar piena idonea f'dan il-kaz u li piena li hija alternattiva ghall-inkarcerazzjoni tirrendi rizultat ahjar tenut kont ukoll tal-fatt li l-Qorti trid thares lejn ir-riforma tal-persuna imputata.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214 u 216(1)(b), 338(dd), 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Simon Camilleri **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannaha **sena (1) prigunerija**, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jindika li għaddej minnhom u sabiex

jitghallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' sentejn (2) millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-Ordni ta' Trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn Ordni ta' Trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika u garanzija ghal Dylan Abela, tqiegħed lill-ħati Simon Camilleri taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Simon Camilleri ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-espert mahtur it-tabib Dr. Mario Scerri fis-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin Euro u tlettin centezmu (€258.30)[41].

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar il-14 ta' Gunju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

[41] Folio 69 ta' l-atti processwali

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**